

Brussell, 28 ta' Jannar 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0419 (NLE)

15791/1/18
REV 1

EURODAC 38
ENFOPOL 636
COMIX 733

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea,
l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja
għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea
u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja
dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli
għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew
fl-Iżlanda jew fin-Norveġja fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 87(2) u l-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...¹⁺, il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi (il-"Protokoll") ġie ffirmat fi ...⁺⁺, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.
- (2) Sabiex tiġi appoġġata u msaħħa l-kooperazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u dawk tal-Iżlanda u tan-Norveġja għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra, l-involviment tal-Unjoni huwa meħtieġ sabiex l-Iżlanda u n-Norveġja jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-aspetti tal-Eurodac relatati mal-infurzar tal-liġi.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi (ĠU L ...).

⁺ ĠU: daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 15793/18 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

- (3) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi approvat.
- (4) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta mir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

Artikolu 1

Il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 4(1) tal-Protokoll.

¹ It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna ir-referenza tal-ĠU tal-Protokoll li jinsab fid-dokument st15792/18.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
